MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 556/2003

***Aquatess Limited***

***vs***

***Joseph Borg***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Marzu, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u disgha u sebghin lira Maltin (Lm579) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tal-4 ta' Jannar 2002, 11 ta' Jannar 2002, 12 ta' Marzu 2002 u tas-6 ta' Settembru 2002, 11 ta' Ottubru 2002, 12 ta' Novembru 2002 u 10 ta' Dicembru 2002 u bl-imghaxijiet tat-8% fuq l-ammont mitlub mill-4 ta' Jannar 2002 sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Renato Cefai, ghan-nom tas-socjeta' attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u disgha u sebghin lira Maltin (Lm579), bl-imghaxijiet legali mit-2 ta' Jannar 2002.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tal-4 ta' Jannar 2002, 11 ta' Jannar 2002, 12 ta' Marzu 2002, tas-6 ta' Settembru 2002, 11 ta' Ottubru 2002, 12 ta' Novembru 2002 u 10 ta' Dicembru 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------